MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 432/2007

**Talba Nru: 432/07PBC**

**Charles Camilleri**
**I.D. 588361(M)**

**Vs**

**Louis Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) u dan billi ppremetta illi l-konvenut gie riskontrat sabiex jixtri u jistalla *gear shift kit* ghall-karozza tal-marka Pontiac proprjeta' ta' l-attur li kienet qed ikollha problemi fil-gerijiet. Il-konvenut

jipprometta illi b'dan il-*kit* il-karozza kienet ser tahdem perfettament. Madankollu, dan ma kienx il-kaz, u l-imsemmi *kit* waqaf jahdem f'Marzu li ghaddha. Minkejja bosta weghdiet, il-konvenut naqas illi jsewwi l-istess *kit* bir-rizultat illi l-attur kellu jixtri *gearbox* gdida. Il-*kit* illi l-konvenut biegh lill-attur sewa sitt mitt lira Maltin (Lm600) filwaqt li l-attur nefaq sittin lira Maltin (Lm60) ohra minhabba parir hazin tal-konvenut dwar hsara inezistenti fil-*gasket* meta l-hsara kienet f'post iehor liema hsara ssewwiet f'garaxx iehor suggerit mill-konvenut u dan peress illi l-konvenut intant refa' mix-xoghol. Il-konvenut wieghed li ser jirrifondi l-imsemmija somma ta' sittin lira Maltin (Lm60) imma dejjem naqas milli jaghmel hekk.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi qabel xejn il-konvenut jippremetti illi f'Marzu 2006, huwa kien gie mqabbad jirranga *gearbox* tal-vettura ta' l-attur. Il-konvenut kien ghamilha cara lill-attur illi kien hemm bzonn *gearbox re-built* stante illi l-hsara kienet estensiva. L-attur kien kuntent hafna bix-xoghol illi kien ghamel il-konvenut tant illi kien stqarr mieghu illi qatt ma kien hass il-vettura tahdem daqshekk tajjeb. Il-konvenut kien tah sitt xhur garanzija fuq xoghol tieghu u kien ghamilha cara lill-attur li din il-garanzija ma kienetx tapplika f'kaz li l-magna tishon. Kien ukoll tah parir sabiex jiccekja l-magna tal-vettura tieghu stante illi ma kienetx qed izzomm it-temperatura sewwa. L-allegat incident inqala' f'nofs Marzu 2007 u b'hekk il-garanzija moghtija mill-konvenut skadiet.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jinghad illi l-konvenut huwa maghruf Malta bhala espert f'*automatic gearboxes* u ghandu 'l fuq minn 37 sena esperjenza. Ix-xoghol illi huwa ghamel fuq il-vettura ta' l-attur sar skond is-sengha u l-arti u l-hsara illi zviluppat wara saret biss minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-attur, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza.
Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ix-xoghol illi ghamel l-attur kien jammonta ghal erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450), u b'hekk l-ammont mitlub mill-attur huwa inveritjier.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' Charles Camilleri, John Dyer u ta' Mariano Borg.

Ra li l-konvenut ma deherx ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007 li ghaliha l-kawza kienet giet differita sabiex huwa jressaq il-provi tieghu.

Ra l-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2007 li permezz taghha l-kawza giet imhollija ghas-sentenza tal-lum in difett ta' ostakolu u ra illi ma gie pprezentat l-ebda Rikors sabiex dan it-Tribunal jissospendi l-prolazzjoni ta' l-istess sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur ghandu karozza Amerikana tal-marka Pontiac Transam u li din zviluppat problema fil-*gearbox* li huwa ta' tip awtomatiku.

Huwa mar ghand il-konvenut li dak iz-zmien kien jahdem bhala *mechanic* u kellu l-fama li kien espert ghal dan it-tip ta' xoghol u ghall-bidu l-konvenut irrakkomanda li l-*gearbox* jinbidel izda mbaghad suggerixxa illi flok ibiddel il-*gearbox*, jaghmel xoghol ta' riparazzjoni billi juza *gear kit*. Huma ftehmu illi l-attur ihallas lill-konvenut is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) sabiex isir dan ix-xoghol. Il-konvenut kellu jipprovdi l-*kit* u jsewwi l-problema tal-*gearbox*.

Il-konvenut wieghed illi meta huwa jlesti dan ix-xoghol, dan il-*gearbox* jigi ahjar milli qatt kien.

Mill-provi prodotti pero' jirrizulta illi ftit xhur wara regghu bdew jinqalghu problemi fil-*gearbox* fis-sens illi l-magna tibda tirrejzja wahedha u cjoe' li l-gerijiet qeghdin jislippjaw. Inoltre, l-magna bdiet taghmel iz-zejt u ghalkemm il-konvenut issuggerixxa li jinbidel xi *gasket*, jidher li l-problema ma gietx solvuta ghaliex il-problema kienet gejja mit-*top converter*.

Skond ix-xhieda ta' John Dyer, li kien lavrant jahdem mal-konvenut, wara li l-konvenut ghamel it-tiswijiet miftehma ma' l-attur, jirrizulta ppruvat illi l-konvenut kien jaf li l-karozza kienet se titlaq ghand l-attur bil-problemi izda ma kienx jimpurtah billi huwa kien ser jerfa' mix-xoghol. Wara li nqalghu il-problemi fil-*gearbox* u l-attur rega' rrikorra ghand il-konvenut, il-konvenut sadanittant kien refa' mix-xoghol u nonostante li sar hafna diskors bejniethom, il-problema ma gietx solvuta sabiex eventwalment l-attur qabad u xtara *gearbox* gdida minn barra bil-prezz ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) u hallas ukoll mitejn lira Maltin (Lm200) u inkariga *mechanic* iehor sabiex ibiddillu dan il-*gearbox* u l-problema giet solvuta.

L-attur qieghed jikkontendi illi meta l-konvenut ghamel ix-xoghlijiet inizjali sabiex installa l-*gear kit*, huwa m'ghamilx ix-xoghol skond l-arti u s-sengha u ghalhekk qieghed jitlob li jiehu lura s-sitt mitt lira Maltin (Lm600) li hallas lill-attur u inoltre, jithallas ukoll tal-*gasket* li huwa xtara u taz-zejt li nbidel u l-labour ghall-bdil ta' l-istess zejt li b'kollox jammontaw ghal ftit aktar minn sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) izda galadarba l-kawza qeghda ssir ghas-somma ta' sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660) huwa sa dan l-ammont li jista' jasal it-Tribunal.

It-Tribunal huwa sodisfatt li l-attur ta' appalt lill-konvenut sabiex jaghmel ix-xoghlijiet necessarji fil-*gearbox* u jirrizulta ppruvat u mhux kontradett illi eventwalment kien hemm problema fl-istess *gearbox* u rrizulta illi ghalkemm kien sar *gear kit* gdid, dan ma kienx indikat li kellu jsir u ghalhekk ix-xoghol li ghamel il-konvenut sar kompletament ghalxejn.

In tema legali t-Tribunal ihoss li jkun utli li ssir referenza ghas-sentenza **Darmanin Vs Agius (App. Inf. Civ. 6/10/2004)** u r-rakkolta hemm kontenuta:

"Il-Qorti thoss li jkun opportun pero' illi tirreplika dawk il-principji guridici l-aktar sinjifikattivi in materja ta' appalt, u fl-istess waqt taghti twegiba ghall-uhud mill-aggravji mqanqla.

(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti.

"L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta' tax-xoghol tieghu." (**Kollez Vol XL pI p485**)

(2) "L-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (**Mario Blackman Vs Carmelo Farrugia et noe - Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu, 1972)**.

(3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita' e contrari alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol XXV pI p727**). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (**Kollez. Vol XLII pII p1003**).

(4) Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz ta' l-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (**Kollez. Vol XLI pII p892**);

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba

inadempiment. “Il-kolpa kuntrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta’ l-ezekuzzjoni, jew f’ezekuzzjoni hazina, ta’ l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt” (**Kollez. Vol XXXVIII pI p292**).

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta’ dik irresponsabilita’ kuntrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista’ jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta’ l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art. 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)). ”

Bhala appaltatur u bhala espert in materja l-konvenut kien obbligat li jaccerta illi x-xoghol li intraprenda u l-materjal, ossia parts li se juza jkunu idonei sabiex jipproducu r-rizultat pattwit ma’ l-attur, u dan indipendentement minn dak li jghidlu l-klijent. Jekk dak li jordna l-klijent ma jkunx idoneu, l-konvenut kien obbligat li jghidlu u sahansitra anki jirrifjuta li jaghmlu.
Huwa evidenti mill-provi processwali illi l-konvenut naqas milli jonera dan l-obbligu kuntrattwali pattwit u sahansitra jirrizulta ppruvat illi minkejja li huwa ghamel ix-xoghlijiet billi ghamel il-*gear kit*, xorta kien jaf li l-karozza ma gietx sew izda xorta rrilaxxa favur l-attur. Mill-provi prodotti jirrizulta sodisfacentement ippruvat illi l-konvenut kien jaf li l-inkarigu li tah l-attur ma giex esegwit sodisfacentement u konsegwentement it-Tribunal huwa tal-fehma illi illi dan l-appalt ghandu jitqies bhala rizolut u b’hekk il-konvenut huwa obbligat li jirrifondi s-sitt mitt lira Maltin (Lm600) li l-attur tah sabiex jaghmel il-*gear kit* u inoltre, l-konvenut ukoll ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti konsistenti fl-ispiza tal-*gasket* u l-bdil ta’ zejt kif mitlub mill-attur fl-ammont komplessiv ta’ sitt mija u sittin lira Maltin (Lm660). Illi ghalhekk it-talba ta’ l-attur tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ elf, hames

mija u sebgha u tletin Euro u disgha u tletin Euro centezmi (€1,537.39) - (Lm660) bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------